# Il-Ħadd 31.05.2015

1. Illum 31/05, **it-Trinità *u Jum l-Ewwel Tqarbina***:
   - Fid-8:45am it-tfal tal-Preċett jinġabru l-MUSEUM tal-bniet fejn jitteħdulhom xi ritratti u mbagħad jimxu purċissjoni lejn il-knisja.
   - Fl-10:00am tibda l-Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina.
     Nifirħu u nitolbu għat-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 16 subien u 6 bniet.
     Nappellaw biex kulmin hu involut ikun f'postu minn tal-anqas kwarta qabel.
   - Fil-5:30pm, fil-Knisja ta' San Franġisk, Villambrosa, Ħamrun, ser issir Quddiesa ta' Ringrazzjament għall-50 Sena ta' Professjoni Reliġjuża ta' diversi Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fosthom Sr Salvina Callus, mill-parroċċa tagħna. Nifirħulha u nawgurawlha, speċjalment bit-talb tagħna.

2. It-Tnejn 01/06, **Pellegrinaġġ għal San Ġorġ Preca mas-Soċi tal-MUSEUM**:
   - Fis-6:20pm – Tluq mill-Pjazza tal-Knisja bil-private lejn il-knisja
     tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża, il-Blata l-Bajda.
   - Fis-7:00pm – Niċċelebraw il-Quddiesa.
     Min hu interessat jinforma lis-Superjur jew lil xi ħadd mill-membri tal-Museum.

3. Il-Ġimgħa 05/06, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

4. Is-Sibt 06/06:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Il-Ħadd 07/06, **Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù - Chorpus Christi**:
   - Fil-quddies, jibda l-ġbir speċjali b'risq il-Festa.
   - Fl-10:00am – Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fil-5:00pm – Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan.
   - Fis-6:00pm – Quddiesa solenni bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'*.
   - Fis-6:45pm – Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament, bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, li tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

6. Avviżi oħra:
   - Matul dawn l-aħħar jiem, l-*Atelier del Restauro* inkarigati mir-Restawr ta' San Pawl, infurmawni li l-pedestall instabitlu aktar ħsara milli kien stmat, u għaldaqstant l-ispiża tar-restawr u x-xiri ta' aktar folji tad-deheb ser togħla b' € 4,500. Hekk issa għad jonqosna niġbru madwar € 8,000. Nappella biex fil-jiem li ġejjin tkunu aktar ġenerużi fid-donazzjonijiet finanzjarji tagħkom. Napprezza kull sforz tagħkom.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 41 mill-Ħarġa għal Għawdex.
   - € 160 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.
   - € 10 bħala għajnuna għal dawk li qed isoffru mit-terremot tan-Nepal, fl-Indja.
     Hekk bgħattna s-somma ta' € 200. Grazzi mill-qalb.